Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Louis u Carmen Mizzi

vs

Orange Travel Group (C 41701) - SMS Mondial Ltd (C 51618)

CCT 68/23/CC

Illum 9 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-atturi ipprezentata fil-25 ta' April 2023, fejn talbu hlas ta' l-ammont ta' €1,653 (elf u sitt mija u tlieta u hamsin ewro) rapprezentanti rifuzjoni minn ammont akbar imhallas minnhom ghal cruise, kif ukoll ammont ta' danni morali.

Ra li s-socjetajiet intimati ipprezentaw risposta relattiva, fejn cahdu it-talba avvanzata mil-atturi, senjatament ghar-raguni elenkata fir-risposta.
Ikkunsidra;

Ra li entrambi l-partijiet ipprezentaw provi estensivi inkluz xhieda li ddeponew viva voce u dokumentazzjoni relattiva in sostenn tat-tezi taghhom.

Ra n-noti ta' sottomisjonijiet ipprezentati mill-partijiet;

Ra r-rikors ipprezentat mill-atturi, fejn giet mitluba korrezzjoni fl-okkju, liema talba giet milqugha;

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra;

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet, jirrizulta li f'Awissu 2022 l-atturi ipprenotaw cruise mas-socjeta intimata SMS Mondial Ltd, liema cruise kellu jsir f'Settembru 2022. L-atturi hallsu l-ammont totali ta' €2,204 (elfejn, mitejn u erba' ewro) ghal dan il-cruise. Jirrizulta li l-atturi sa minn qabel huma pprenotaw dan il-cruise, kellhom rikjesta partikolari, li kienet li huma xtaqu li jzuru Napli. Fil-fatt l-atturi jikkonfermaw

li huma pprenotaw il-cruise specifikatament minhabba li wiehed mill-portijiet ta' waqfa ta' dan il-cruise, kien proprju l-port ta' Napli. L-atturi jikkonfermaw ukoll li qabel ma huma vvjaggaw fuq dan il-cruise, regghu ikkonfermaw mad-dirigenti tas-socjeta intimata rigward il-waqfa fil-port ta' Napli, u ghal darb'ohra huma gew infurmati li l-port ta' Napli kien fl-itinerarju tal-cruise li l-atturi kienu xtraw.

Illi waqt dan il-cruise, l-atturi iltaqghu ma' passigieri Maltin ohrajn, u hemmhekk huma gew infurmati li ma kienux ser jieqfu fil-port ta' Napli. L-atturi hassewhom iddispjacuti hafna kif saru jafu dan, u mar-ritorn taghhom lejn Malta, huma ikkuntatjaw lis-socjeta intimata dwar l-akkadut. Jirrizultaw skambji ta' ittri bejn il-partijiet, u in segwitu, iben l-atturi kiteb lil agent ewlieni ta' dan il-cruise, li huwa 'Cruise and Travel'. Ghal din il-korrispondenza iben l-atturi ircieva risposta minghand Hannah Smith, CEO ta' l-istess kumpanija, li l-port ta' Napli kien tnehha mill-itinerarju tal-cruise, sa minn qabel saret il-prenotazzjoni mill-atturi.

Illi l-intimati ipproducew diversi xhieda fosthom Victoria Sladden li hija 'Branch Executive' li spjegat li f'kaz ta' tibdil ta' itinerarju ta' cruise, l-agent jinforma lis-socjeta intimata. Madankollu f'dan il-kaz partikolari s-socjeta intimata ma gietx infurmata bl-ebda' tibdil ufficcjali ta' l-itinerarju tal-cruise.

Illi gie prodott bhala xhud Alfred Cappello, Customer Care Executive tas-socjeta intimata Orange Travel Group, li kkonferma li kien hemm diskussjonijiet ma' l-atturi, u kkonferma wkoll li s-socjeta intimata bonarjament kienet offriet ammont ta' €500 (hames mitt ewro) lil atturi minhabba l-akkadut.

Ikkunsidra;

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li l-atturi kjarament ipprenotaw il-cruise partikolari sabiex huma jzuru l-port ta' Napli. Indubbjament l-atturi kienu dizappuntanti meta gew a konoxxenza tal-fatt li l-port ta' Napli kien tnehha minn fuq l-itinerarju tal-cruise.

Illi t-Tribunal jinnota li l-atturi mar-ritorn taghhom lejn Malta, avvicinaw lis-socjeta intimata SMS Mondial Ltd, u nfurmawhom dwar l-ilment taghhom. Ghalkemm jirrizultaw skambji bejn il-partijiet, il-partijiet ma waslux ghal ftehim u in segwitu giet intavolata din il-procedura.

Illi t-Tribunal jinnota ulterjorment li ghalkemm l-atturi iffirmaw it-termini u l-kundizzjonijiet tal-prenotazzjoni, il-hlas ta' tali prenotazzjoni sar b'rikjesta specifika li l-atturi jivvjagaw lejn il-port ta' Napli. Ghalhekk, l-impjegati tas-socjeta intimata kellhom jispjegaw li possibilment il-port ta' Napli seta' ma jkunx fl-itinerarju. Inoltre, jirrizulta wkoll li passigieri ohrajn li kienu fuq l-istess cruise kienu a konoxxenza li l-port ta' Napli ma kienx fl-itinerarju, waqt li l-atturi ma kienux infurmati b'dan.

Illi rigward l-ammont mitlub mill-atturi, t-Tribunal jinnota li tali ammont huwa ta' madwar zewg terzi tas-somma totali imhallsa mill-atturi. Tenut kont li l-ilment ta' l-atturi jirrelata biss ma' bdil f'wiehed mill-portijiet ta' l-itinerarju tal-cruise, u mhux rigward xi servizz iehor, dan il-punt ghandu jigi kkunsidrat fil-komputazzjoni ta' l-ammont li ghandu jigi stabbilit.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li huwa tal-fehma li t-talba avvanzata mill-atturi hija gusta u timmerita konferma limitatament, u tenut kont tal-provi prodotti mill-partijiet, tali ammont ghandu jkun fl-ammont ta' €1,000 (elf ewro). Inoltre, rigward t-talba ghal hlas ta' danni morali, t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, senjatament ghal fatt li l-atturi pprenotaw il-cruise partikolari b'ghan li jivvjagaw lejn Napli, it-Tribunal qieghed jillikwida arbitrio boni viri dan l-ammont ta' danni morali ghal €200 (mitejn ewro).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' limitatament it-talba ta' l-atturi kontra s-socjetajiet intimati in solidum ghal ammont kumplessiv ta' €1,200 (elf u mitejn ewro).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjetajiet intimati in solidum.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru